**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 9 ta' April 2001.

Pulizija
Spettur Angelo Caruana
Spettur Louise Vella

Vs

Josephine sive Josette Ben Milend
Dolores Xerri

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Josephine sive Josette Ben milend ta' 39 sena, mart Ahmed, bint il-mejjet Joseph Zammit u Antonia nee' Gauci, imwielda Pieta' fil-15 ta' Dicembru 1962, li toqghod Block 1, Flat 14, Triq San Gwann, Valletta, detentura tal-karta ta' identita' 51963 (M);

U kontra Dolores Xerri, ta' 33 sena, mart Mahmed Akdag, bint il-mejjet Carmel u Carmen nee' Borg, imwielda Pieta', fis-26 ta' Jannar, 1968, li toqghod Block 1, Flat 10, Triq San Patrizju, Valletta, detentura tal-karta tal-identita' 111468 (M);

Talli fl-20 ta' Marzu 2001, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispsozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe' talli:

F'H'Attard u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jestorcu flus jew xi haga'ohra, jew li jaghmlu xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghlu lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, heddu li jaghmlu denunzja jew kwerela kontra persuna ohra jew li jaghtuha malafama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh, b'liema theddid wasslu fil-hsieb taghhom u cioe' hadu ammonti ta' flus li jaccedu l-elf lira maltin (Lm1,000) minn ghand diversi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 250(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bil-mezz ta' karta miktuba, heddu lil haddiehor b'xi delitt, u taw ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 249(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jaccedi l-elf lira maltin (LM1,000) bi hsara ta' diversi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fil-Marsa u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjaw jew ghamlu biex ihajjru ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 250(1)(2), 249 (1)(2)(3), 308 tal-Kapitolu 9, u l-Artikolu 7(2) tal-kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni, ma' jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imputati hatja ta' kif akkuzati.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, temmen illi piena karcerarja hija adekwata f'dan il-kaz.  Ghalhekk din il-Qorti qeghda tibghat lill-imputati sentejn (2) habs, izda, tordna illi l-piena ma' tibdix issehh, jekk fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, l-imputati jigu akkuzati b'reat iehor li jgib mieghu l-piena ta' habs.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

MAGISTRAT.